MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 23/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**(Spettur Mario Tonna)**
**Vs**

**Omissis**
**Paul Spagnol**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) fil-25 ta' Novembru, 2005 ghall-habta tad-disgha ta' filghodu, waqt li kien gewwa San Gwann, Malta, wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli jew prodotti ohra tar-raba jew tal-gonna, jew ta' flus, jew ta'

oggetti ohra li ma kienx tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta kont sodisfacenti ta’ kif gew legittimament ghandu, inkella nstabu ghandu imfietah, imqabblin jew iffalsifikati jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta’ seraturi, jew instabu ghandu forom ta’ serraturi minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f’dak iz-zmien;

2) fl-istess data w cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

3) Lil Paul Spagnol wahdu :

nhar il-25 ta’ Novembru, tas-sena 2005 ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ bil-lejl, f’dawn il-Gzejjer, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita jew ta’ whud li kienu nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu ghamlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiet billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun;

4) fl-istess data, hin u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, saq il-mutur bin-numru ta’ registrazzjoni ZZR-599 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta’ dwar ir-riskji ghal terzi persuni;

5) fl-istess data, hin u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer saq il-mutur bin-numru ta’ registrazzjoni ZZR-599 b’manjiera traskurata w perikoluza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Jannar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 3(1)(2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet fil-konfront tieghu, izda sabitu hati tal-ahhar zewg imputazzjonijiet u kkundannatu ghal multa ta’ elf lira Maltin (LM1000) u ghal piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ hmistax (15) il-gurnata.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Frar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti

fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, filwaqt illi thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ahhar zewg imputazzjonijiet kif ukoll fejn ikkundannatu multa ta' elf lira Maltin (LM1000) u ghal piena ta' prigunerija ghal perjodu ta' hmistax il-guranata, w minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Rat il-verbal tal-lum stess li bih Dr. Charmaine Cherrett ghall-appellant irtirat l-aggravji kollha tal-appellant u illimitat l-appell biss ghal talba biex l-appellant jithalla jhallas il-multa ta' elf lira (LM1000) fi skadenzi rateali mensili ta' hamsin lira (lm50) l-wahda bl-ewwel hlas issir illum stess.**

**Rat in-nota tal-appellant li bih irtira l-aggravji tieghu kollha hlief it-talba ghal hlas rateali tal-multa.**

**Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni li bih ma opponietx ghal din it-talba.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fl-intier taghha izzid illi l-multa ta' elf lira Maltin (LM1000) ghandha tithallas f'ghoxrin (20) pagament rateali ta' hamsin lira Maltija (LM50) il-wahda, l-ewwel skadenza tithallas illum stess, b'dan illi jekk l-appellant jonqos milli jhallas puntwalment xi skadenza wahda jew parti minnha, l-bilanc dovut isir ezegibbli minnufih u, f'kaz li ma jithallasx, jigi konvertit awtomatikament f'terminu ta' prigunerija bir-rata ta' jum prigunerija ghal kull hames liri (LM5) multa skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------